REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 509/2013

tat-3 ta' Ġunju 2013

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' diversi additttivi f'ċerti xarbiet alkoħoliċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-additttivi tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 30(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' additttivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Din il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-additttivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel [2], jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(3) Fl-10 ta' Frar 2011 il-*Krajowa Rada Winiarstwa i Miodosytnictwa* (National Council of Viticulture and Meadery) tal-Polonja ppreżenta applikazzjoni biex il-lista tal-Unjoni ta' additttivi tal-ikel tiġi emendata sabiex tippermetti l-użu ta' diversi additttivi f'ċerti xarbiet alkoħoliċi kif deskritt fid-Digriet Pollakk tat-12 ta' Mejju 2011 dwar il-manifattura u l-ibbottiljar ta' prodotti tal-inbid, il-kummerċ ta' dawk il-prodotti u l-organizzazzjoni tas-suq [3] ("id-Digriet Pollakk dwar il-prodotti tal-inbid")

(4) Ix-xarbiet alkoħoliċi koperti mid-Digriet Pollakk dwar il-prodotti tal-inbid mhumiex koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli [4], peress li ma jaqgħux taħt waħda mill-kategoriji ta' prodotti tad-dwieli elenkati fl-Anness XIb ta' dak ir-Regolament. L-aromatizzanti tal-ikel koperti mid-Digriet Pollakk dwar il-prodotti tal-inbid mhumiex koperti wkoll bl-istess mod mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 tal-10 ta' Ġunju 1991 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' nbejjed aromatizzati, xorb ibbażat fuq inbid aromatizzat u cocktails aromatizzati magħmula mill-prodotti tal-inbid [5].

(5) L-użu tal-additttivi fi prodotti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huwa awtorizzat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, tal-prattika enoloġika u tar-restrizzjonijiet applikabbli [6] u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom. Dawk l-atti mhumiex applikabbli għax-xarbiet alkoħoliċi koperti mid-Digriet Pollakk dwar il-prodotti tal-inbid.

(6) Madankollu, l-Artikolu 113d(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu tat-terminu "nbid" għal prodotti differenti minn dawk imsemmija fl-Anness XIb ta' dak ir-Regolament, jekk dan ikun akkumpanjat mill-isem ta' frotta fil-forma ta' isem kompost sabiex jiġu kkummerċjalizzati prodotti tas-suq miksubin mill-fermentazzjoni ta' frott ieħor għajr l-għeneb jew jekk ikun parti minn isem kompost. F'konformità mal-Artikolu 113d(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Polonja ppermettiet l-użu tat-terminu "nbid" għax-xarbiet alkoħoliċi elenkati fid-Digriet Pollakk dwar il-prodotti tal-inbid. Għaldaqstant, l-użu ta' additttivi f'dawk il-prodotti għandu jiġi elenkat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, bla ħsara għar-regoli applikabbli fl-Istati Membri l-oħra fir-rigward tad-denominazzjoni ta' dawn il-prodotti.

(7) Ix-xarbiet alkoħoliċi elenkati fid-Digriet Pollakk dwar il-prodotti tal-inbid jaqgħu fil-kategoriji tal-ikel elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 kif jidher hawn taħt:

— L-inbejjed Wino owocowe markowe (inbid tal-frott tal-marka), wino owocowe wzmocnione (inbid tal-frott imqawwi), wino owocowe aromatyzowane (inbid tal-frott aromatizzat), wino z soku winogronowego (inbid mill-meraq tal-għeneb) u aromatyzowane wino z soku winogronowego (inbid aromatizzat mill-meraq tal-għeneb) għandhom jiġu elenkati fil-kategorija 14.2.4: "Inbid tal-frott u nbid magħmul" tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008;

— *Nalewka na winie owocowym* (tintura tal-inbid tal-frott), *aromatyzowana nalewka na winie owocowym* (tintura

[1] ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
[2] ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
[3] Dziennik Urzędowy z 2011 r. Nr 120, poz. 690.
[4] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[5] ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1.
[6] ĠU L 193, 24.7.2009, p. 1.

aromatizzata tal-inbid tal-frott), *nalewka na winie z soku winogronowego* (tintura tal-inbid mill-meraq tal-għeneb), *aromatyzowana nalewka na winie z soku winogronowego* (tintura aromatizzata tal-inbid mill-meraq tal-għeneb), *napój winny owocowy lub miodowy* (xarbiet b'bażi ta' nbid magħmul mill-frott jew l-għasel), *aromatyzowany napój winny owocowy lub miodowy* (xarbiet aromatizzati, b'bażi ta' nbid magħmul mill-frott jew l-għasel), *wino owocowe niskoalkoholowe* (inbid tal-frott b'kontenut alkoholiku baxx) u *aromatyzowane wino owocowe niskoalkoholowe* (inbid tal-frott aromatizzat, b'kontenut alkoħoliku baxx) għandhom jiġu elenkati fil-kategorija 14.2.8 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008: "Xarbiet alkoholiċi oħra inklużi taħlitiet ta' xarbiet alkoħoliċi ma' xarbiet mhux alkoħoliċi u spirti b'inqas minn 15 % ta' alkoħol".

(8) L-awtorizzazzjoni tal-użu ta' addittivi fil-prodotti koperti mid-Digriet Pollakk dwar il-prodotti tal-inbid ma twassalx għal aktar esponiment tal-konsumaturi għal dawk is-sustanzi, u għalhekk ma toħloqx tħassib dwar is-sikurezza.

(9) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni li jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Peress li l-awtorizzazzjoni ta' diversi addittivi f'ċerti xarbiet alkoħoliċi koperti mid-Digriet Pollakk dwar il-prodotti tal-inbid tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhux mistenni jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem, mhuwiex meħtieġ li tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

(1) Fil-kategorija tal-ikel 14.2.4 "Inbid tal-frott u nbid magħmul", l-annotazzjonijiet li jikkonċernaw il-Grupp II, il-Grupp III u l-addittivi E 160d, E 242, u E 353 huma sostitwiti b'dawn li jidhru hawn taħt:

	"Grupp II	Kuluri fi *quantum satis*	*quantum satis*		Għajr *wino owocowe markowe*
	Grupp III	Kuluri b'limitu massimu kkombinat	200		Għajr *wino owocowe markowe*
	E 160d	Likopen	10		Għajr *wino owocowe markowe*
	E 242	Dikarbonat tad-dimetil	250	(24)	L-inbid tal-frott, l-inbid b'kontenut alkoħoliku baxx u l-inbejjed *wino owocowe markowe, wino owocowe wzmocnione, wino owocowe aromatyzowane, wino z soku winogronowego u aromatyzowane wino z soku winogronowego* biss.
	E 353	Aċidu metatartariku	100		L-inbid magħmul u l-inbejjed *wino z soku winogronowego u aromatyzowane wino z soku winogronowego* biss"

(2) Fil-kategorija tal-ikel 14.2.4 "Inbid tal-frott u nbid magħmul, għall-addittiv E 1105 tiżdied din l-annotazzjoni:

	"E 1105	Liżożima	*quantum satis*		L-inbejjed *wino z soku winogronowego u aromatyzowane wino z soku winogronowego* biss"

(3) Il-kategorija tal-ikel 14.2.8 "Xarbiet alkoħoliċi oħra inkluż taħlitiet ta' xarbiet alkoħoliċi ma' xarbiet mhux alkoħoliċi u spirti b'inqas minn 15 % ta' alkoħol" hija emendata kif jidher hawn taħt:

(a) l-annotazzjonijiet li jikkonċernaw il-Grupp III, u l-addittivi E 123 u E 200-203 huma sostitwiti b'dawn li jidhru hawn taħt:

	"Grupp III	Kuluri b'limitu massimu kkombinat	200		xarbiet alkoħoliċi b'kontenut alkoħoliku ta' inqas minn 15 % u x-xarbiet *nalewka na winie owocowym, aromatyzowana nalewka na winie owocowym, nalewka na winie z soku winogronowego, aromatyzowana nalewka na winie z soku winogronowego, napój winny owocowy lub miodowy, aromatyzowany napój winny owocowy lub miodowy, wino owocowe niskoalkoholowe u aromatyzowane wino owocowe niskoalkoholowe* biss
	E 123	Amarant	30		xarbiet alkoħoliċi b'kontenut alkoħoliku ta' inqas minn 15 % u x-xarbiet *nalewka na winie owocowym, aromatyzowana nalewka na winie owocowym, nalewka na winie z soku winogronowego, aromatyzowana nalewka na winie z soku winogronowego, napój winny owocowy lub miodowy, aromatyzowany napój winny owocowy lub miodowy, wino owocowe niskoalkoholowe u aromatyzowane wino owocowe niskoalkoholowe* biss

	E 200 - 203	Aċidu sorbiku - sorbati	200	(1) (2)	xarbiet alkoħoliċi b'kontenut alkoħoliku ta' inqas minn 15 % u x-xarbiet *nalewka na winie owocowym, aromatyzowana nalewka na winie owocowym, nalewka na winie z soku winogronowego, aromatyzowana nalewka na winie z soku winogronowego, napój winny owocowy lub miodowy, aromatyzowany napój winny owocowy lub miodowy, wino owocowe niskoalkoholowe u aromatyzowane wino owocowe niskoalkoholowe* biss"

(b) wara l-annotazzjoni li tikkonċerna l-addittivi E 210-213 Aċidu benzojku — benzoati, għall-addittivi E 220 – 228 tiżdied din l-annotazzjoni:

	"E 220 – 228	Diossidu tal-kubrit - sulfiti	200	(3)	ix-xarbiet *nalewka na winie owocowym, aromatyzowana nalewka na winie owocowym, nalewka na winie z soku winogronowego, aromatyzowana nalewka na winie z soku winogronowego, napój winny owocowy lub miodowy, aromatyzowany napój winny owocowy lub miodowy, wino owocowe niskoalkoholowe u aromatyzowane wino owocowe niskoalkoholowe* biss"

(c) wara l-annotazzjoni li tikkonċerna l-addittivi E 338-452 Aċidu fosforiku – fosfati – difosfati, trifosfati u polifosfati, għall-addittiv E 353 tiżdied din l-annotazzjoni:

	"E 353	Aċidu metatartariku	100		ix-xarbiet *nalewka na winie z soku winogronowego u aromatyzowana nalewka na winie z soku winogronowego* biss"

(d) għall-addittiv E 1105, tiżdied din l-annotazzjoni:

	"E 1105	Liżożima	*quantum satis*		ix-xarbiet *nalewka na winie owocowym, aromatyzowana nalewka na winie owocowym, nalewka na winie z soku winogronowego, aromatyzowana nalewka na winie z soku winogronowego, napój winny owocowy lub miodowy, aromatyzowany napój winny owocowy lub miodowy, wino owocowe niskoalkoholowe u aromatyzowane wino owocowe niskoalkoholowe* biss"